# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' Marzu, 2019.**

**Numru 12**

**Rikors numru 133/18SM**

**L-Onorevoli Kap Tal-Oppozizzjoni l-Avukat Adrian Delia**

**v.**

**Onorevoli Prim Ministru ta' Malta, Dr Joseph Muscat, l-Avukat Ġenerali, il-Kap Eżekuttiv tal-Malta Industrial Parks Limited, Vitals Global Healthcare Assets Limited, Vitals Global Healthcare Limited, Vitals Global Healthcare Management Limited, il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Artijiet li assuma l-funzjonijiet li qabel kien jassumi l-Kummissarju tal-Artijiet, għan-nom u in rappreżentanza tal-istess; u ċ-*Chairman* tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet għan-nom u in rappreżentanza tal-istess**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-intimati Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellanti") minn provvediment mogħti mill-ewwel Qorti waqt is-smigħ tal-10 ta' Mejju, 2018[1] li jgħid hekk:

> "*Il-Qorti rat it-talbiet tal-partijiet rispettivi; semgħet lill-abbli rappreżentanti legali tal-istess. Fil-waqt li tirrileva li vertenza fil-mertu hi waħda ta' importanza kbira, tinnega li l-proċedura ma tiġix maqsuma f'diversi stadi superfiċjali li jistgħu faċilment jiġu deċiżi flimkien mal-mertu bħal ma jsir fil-maġġoranza tal-każi ta' din ix-xorta. Għaldaqstant tirrespinġi t-talba tal-intimati*";

2. Dak il-provvediment kien ingħata wara li d-difensuri tal-appellanti talbu li, fid-dawl ta' eċċezzjonijiet preliminari (it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet) li t-tnejn li huma qajmu fir-Risposti Maħlufa tagħhom, u li huma jqisu li jolqtu s-sisien ta' din il-kawża u ċjoe' l-kwestjoni jekk hux permissibbli għall-finijiet tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta li titressaq azzjoni bħal din tallum, l-ewwel Qorti tordna li ssir it-trattazzjoni tal-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari qabel ma tqis il-mertu tal-azzjoni attriċi, għaliex jekk kemm-il darba kellha tintlaqa' mqar waħda minnhom is-smigħ tal-kawża jieqaf;

3. Ma' dik it-talba kien kien ingħaqad l-intimat Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Artijiet. Filwaqt li l-attur (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellat") oppona għat-talba u seħaq li kawża ta' din il-portata għall-

---

[1] Paġ. 222 tal-proċess

ebda raġuni ma għandha tiġi spezzettata stante li l-eċċezzjonijiet huma fil-mertu u mhux ta' natura preliminari;

4. Fl-14 ta' Mejju, 2018[2], l-appellanti ressqu rikors li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li l-ewwel Qorti tħallihom jappellaw mill-imsemmi provvediment għall-finijiet tal-artikolu 229(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Wara li l-appellat ressaq Tweġiba fis-17 ta' Mejju, 2018, li biha ta r-raġunijiet tiegħu għaliex ma kellhiex tintlaqa' t-talba tal-intimati, b'digriet mogħti waqt is-smigħ tat-28 ta' Mejju, 2018[3], l-ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-appellanti biex jitħallew jappellaw mill-provvediment appellat;

6. Permezz tar-Rikors tal-Appell imressaq fl-1 ta' Ġunju, 2018, l-appellanti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu lil din il-Qorti tħassar il-provvediment mogħti fl-10 ta' Mejju, 2018;

7. L-intimat Kap Eżekuttiv tal-Malta Industrial Parks wieġeb għar-Rikors b'Risposta mressqa fl-14 ta' Ġunju, 2018, li fiha qal li, filwaqt li huwa jaqbel mat-talba tal-appellanti, irrileva li huwa wkoll kien qajjem eċċezzjonijiet preliminari li ma ngħatax l-opportunità mill-ewwel Qorti

[2] Paġġ. 223 – 5 tal-proċess
[3] Paġ. 241 tal-proċess

biex iressaq talba dwarhom bħalma ressqu l-appellanti qabel ingħata l-provvediment appellat;

8. Bl-istess mod, b'Risposta mressqa fl-20 ta' Ġunju, 2018, l-intimati Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Artijiet u ċ-*Chairman* tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet, qablu mal-appell imressaq u żiedu jgħidu li ż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari mqajmin minnhom ukoll jitolbu li jkun hemm deċiżjoni dwarhom qabel ma l-ewwel Qorti tgħaddi biex tibda tqis il-mertu;

9. Bir-Risposta tiegħu tal-21 ta' Ġunju, 2018, l-attur appellat iwarrab l-aggravju tal-appell tal-intimati appellanti u jtenni li l-lanjanzi ma humiex ta' natura preliminari imma huma ta' mertu u għandhom ikunu dibattuti fl-interità tagħhom stante li jinħtieġu l-produzzjoni tal-provi in mertu biex wieħed jikkunsidra l-aspetti kollha tal-kawża li hija ta' importanza nazzjonali, u għalhekk hija għamla ta' kawża li titlob li tkun deċiża f'ħaġa waħda u mhux spezzettata f'biċċiet;

10. Fir-Risposta tagħhom tad-9 ta' Awwissu, 2018, l-intimati Vitals urew, għar-raġunijiet hemm imfissra, li huma wkoll jaqblu mal-appell imressaq u jgħidu li jkun prattiku u opportun li tingħata deċiżjoni dwar l-eċċezzjonijiet preliminari qabel ma l-ewwel Qorti tgħaddi biex tqis il-mertu, għaliex f'dawk l-eċċezzjonijiet preliminari l-ewwel Qorti tista'

tqishom bla ma jkollha tiżbilanċja jew tiddikjara ruħha dwar il-mertu tal-każ bla ma b'hekk xi waħda mill-partijiet iġġarrab ħsara b'deċiżjoni dwar eċċezzjonijiet preliminari ta' xeħta proċedurali. F'każ li xi waħda mill-imsemmija eċċezzjonijiet tintlaqa', ikun evitat ħafna ħela ta' żmien fit-tressiq ta' provi li ma jkunx hemm għalfejn jitressqu u li ma għandhom l-ebda rilevanza għas-soluzzjoni tal-eċċezzjonijiet preliminari mqajma;

11. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell mill-avukati tal-partijiet;

12. Rat l-atti kollha tal-kawża;

13. Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Jannar, 2019, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

14. Illi fl-appell tagħhom, l-appellanti jgħidu li jħossuhom aggravati mill-provvediment appellat minħabba li l-eċċezzjonijiet preliminari li huma jgħidu li jmisshom jitqiesu qabel ma l-ewwel Qorti tgħaddi biex tistħarreġ il-mertu tal-każ huma tali li "għandhom il-potenzjal li joqtlu l-azzjoni attriċi". B'mod partikolari, huma jgħidu li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta ċaħdet it-talba tagħhom li jitqiesu l-ewwel it-tliet eċċezzjonijiet preliminari msemmija (jiġifieri li l-artikolu 33 tal-Kap 573

tal-Liġijiet ta' Malta ma jgħoddx għall-każ; in-nuqqas ta' interess ġuridiku fl-attur appellat biex iressaq il-kawża; u n-nuqqas ta' fondamant ġuridiku għall-azzjoni mibdija mill-appellat), għaliex ladarba huma eċċezzjonijiet li jolqtu l-qofol tal-azzjoni mibdija, ikun fl-aħjar amministazzjoni tal-ġustizzja li l-Qorti taqta' dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari qabel ma tgħaddi biex tistħarreġ il-mertu, biex b'hekk ma tkunx sottomessa għal proċess essenzjalment inutli li ma jmissu qatt inbeda f'kawża li ma messha qatt saret kif saret. Huma jgħidu wkoll li l-kawża hija waħda partikolari li tolqot l-għoti ta' servizz essenzjali lill-pubbliku fl-għoti ta' servizz ta' saħħa fil-pajjiż li ma jixraqlux li jkun mikxuf għal inċertezza prolungata bla bżonn bi smigħ ta' ħafna provi u trattazzjoni ta' kwestjonijiet inċidentali li jistgħu jirriżultaw li saru għalxejn. Fl-imsemmi aggravju tagħhom, l-appellanti jisħqu li t-tliet eċċezzjonijiet preliminari bl-ebda mod ma jmissu l-mertu tal-każ, imma huma eċċezzjonijiet prettament preliminari li jikkonċernaw biss il-kwestjoni jekk l-azzjoni attriċi setgħetx issir, u għalhekk billi d-degriet appellat iqajjem kwestjonijiet ta' importanza rigward is-smigħ u l-andament tal-kawża, jixraq li din il-Qorti tħassru;

15. Illi din il-Qorti jidhrilha li għandha tqis l-appell fil-qafas taċ-ċirkostanzi proċedurali li jiġbor fih. Filwaqt li tagħraf li kull parti, bħall-ewwel Qorti, tqis li din hija kawża partikolari u ta' importanza nazzjonali, il-kwestjoni mqajma fl-appell li għandha quddiemha ma għandha bl-

ebda mod tinfetaħ għal eżami tas-siwi tal-eċċezzjonijiet preliminari li għalihom jirreferi l-provvediment appellat;

16. Illi dan qiegħed jingħad għaliex fit-trattazzjoni li saret quddiem din il-Qorti kienu bosta s-sottomissjonijiet li kienu jirrigwardaw is-siwi tal-eċċezzjonijiet preliminari nfushom meta dwar dawk l-eċċezzjonijiet għad trid tingħata sentenza;

17. Illi fl-essenza tiegħu, l-appell jinbena fuq il-fatt li l-ewwel Qorti ma dehrilhiex li kellha toftoq is-smigħ tal-kawża bit-trattazzjoni tal-eċċezzjonijiet preliminari qabel ma tgħaddi għas-smigħ tal-każ fil-mertu. L-appellanti jqisu li l-eċċezzjonijiet preliminari msemmija fil-provvediment appellat huma, min-natura tagħhom, eċċezzjonijiet perentorji tal-ġudizzju u għalhekk l-ewwel Qorti messha laqgħet it-talba tagħhom biex, qabel kull ħaġ'oħra, tiddeċiedi dwar dawk l-eċċezzjonijiet;

18. Illi filwaqt li l-liġi tagħraf in-natura differenti ta' eċċezzjonijiet minn oħrajn u meta jistgħu[4] jew għandhom[5] jitressqu, tagħmilha ċara[6] li huwa mħolli fl-għażla tal-ġudikant jekk, qabel ma jgħaddi 'l quddiem għas-smigħ ta' każ, għandux jieħu qies biss ta' xi eċċezzjoni partikolari u li jisma' mill-mertu dak li jinfluwixxi fuq id-deċiżjoni tal-kwestjoni preliminari. Dan ifisser li jekk, bħal fil-każ tal-provvediment appellat,

[4] Art. 732(1) tal-Kap 12
[5] Art. 728(1) tal-Kap 12
[6] Art. 729 tal-Kap 12

qorti taqtagħha li jinstema' wkoll il-każ fil-mertu, dan isir bla ħsara għas-siwi tal-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari. Il-liġi tgħid ukoll[7] liema huma dawk l-eċċezzjonijiet li, ladarba jitqajmu u ma jkunux ġew irtirati, qorti trid tagħti sentenza dwarhom f'kap għalih tas-sentenza, flimkien mas-sentenza fuq il-mertu;

19. Illi fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi, il-Qorti ma tarax li l-provvediment appellat ingħata bi ksur tal-liġi jew li proċeduralment fih xi nuqqas li jwassal għat-tħassir tiegħu. Il-kwestjoni dwar jekk kienx ikun aktar prattiku jew xieraq li l-ewwel Qorti tiddeċiedi mod ieħor dwar it-talba tal-appellant ma hijiex wisq rilevanti f'dan ir-rigward. Il-Qorti tista' tifhem ukoll il-pożizzjoni meħuda mill-partijiet f'din il-kawża dwar il-mod kif imissha titmexxa, imma dan bl-ebda mod ma jibdel is-siwi tal-provvediment appellat li, jerġa' jingħad, il-motivazzjoni waħdanija tiegħu – li l-vertenza fil-mertu hi waħda ta' importanza kbira – hija ċirkostanza li l-partijiet kollha, għal raġunijiet tagħhom rispettivi, jaqblu dwarha. Jidher li l-ewwel Qorti kienet konxja minn dawn iċ-ċirkostanzi meta waqt is-smigħ tat-28 ta' Mejju, 2018[8], tat degriet ieħor dwar l-għamla u l-mod li bih kellhom jitressqu l-provi mitluba mill-partijiet;

20. Illi din il-Qorti tagħraf ukoll li l-provvediment appellat jirrappreżenta t-twettiq diskrezzjonali li l-liġi tagħti lil kull ġudikant fil-mod

[7] Art. 730 tal-Kap 12
[8] Paġ., 240 tal-proċess

kif jitmexxa s-smigħ ta' kawża mressqa quddiemu. L-għażla ta' kif il-ġudikant jagħżel li jmexxi l-aħjar il-kawża li jkun qiegħed jisma' u li jrid jiddeċiedi għandha tkun rispettata għaliex hija l-espressjoni tas-setgħa u tad-dmir li huwa jħaddan fl-aħjar tmexxija tal-ġustizzja. L-indħil fl-użu ta' dik id-diskrezzjoni ma għandux isir b'leġġerezza u żgur mhux għaliex xi parti fil-kawża ma tkunx taqbel ma' kif il-Qorti tkun qatgħetha li tmexxi s-smigħ tal-każ, jekk ma jkunx hemm tabilħaqq raġunijiet serji u tajbin biżżejjed biex tinqaleb deċiżjoni bħal dik;

21. Illi l-Qorti rat x'kienu r-raġunijiet li fuqhom l-appellanti sejsu l-aggravju tagħhom u ma jidhrilhiex li r-raġunijiet li semmew huma u dawk mill-intimati li jaqblu mat-talba tagħhom għandhom iwasslu biex din il-Qorti tindaħal fid-diskrezzjoni mħaddma mill-ewwel Qorti u tħassar il-provvediment appellat;

22. Illi l-Qorti tqis ukoll li l-provvediment appellat għandu min-natura ta' digriet interlokutorju maħsub biex jirregola t-tmexxija tal-kawża. Minħabba f'hekk, ma hemm xejn x'iżomm lill-Qorti li tatu milli, jekk 'il quddiem tinġabilha raġuni sewwa, tista' titbiegħed minnu billi provvedimenti bħal dawk ma jagħmlux ġudikat għall-Qorti li tkun tatu[9];

23. Illi, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tasal għall-fehma li l-appell mhuwiex mistħoqq u għalhekk mhix sejra tilqgħu;

[9] Art. 230 tal-Kap 12

***Decide:***

24. Għal dawn ir-raġunjiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** tal-intimati u tikkonferma d-degriet mogħti mill-ewwel Qorti waqt is-smigħ tal-10 ta' Mejju, 2018, fil-kawża fl-ismijiet premessi, bl-**ispejjeż** ta' din l-istanza kontra l-appellanti, u qiegħda terġa' tibgħat l-atti tal-kawża lura lill-ewwel Qorti biex jitkompla quddiemha s-smigħ tal-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Registratur
gr